MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Numru 989/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**(Spt. Therese Scibberas)**

**vs**

**Matthew Busuttil**
**Jurgen Cumbo**
**Roger Spagnol**
**Paul Farrugia**
**Monica Spagnol**
**Elaine Aquilina**
**Fiona Grech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Matthew Busuttil** ta' 24 sena, bin Carmelo u Maria Dolores nee' Schembri, imwieled Pieta' fil-25 ta' Mejju,

1980, residenti fil-fond numru 112 'Mencara', Triq San Filippu, Ghaxaq u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 260980(M);

**Jurgen Cumbo** ta' 26 sena, bin Emanuel u Venera nee' Mizzi, imwieled Pieta' fit-13 ta' Gunju, 1978, residenti fil-fond numru 27, Triq San Piju X, Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 273078(M);

**Roger Spagnol** ta' 37 sena, bin Joseph u Salvina nee' Azzopardi, imwieled Pieta' fit-30 ta' Lulju, 1968, residenti fil-fond 'Biancha Nera', Triq Dun Salv Sciberras, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 304668(M); u

**Paul Farrugia** ta' 21sena bin Carmelo u Matilde nee' Apap, imwieled Pieta' fit-22 t'Ottubru, 1983, residenti fil-fond 'Casa Azzurri', Triq il-Ghasel, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 540483(M);

Akkuzati talli nhar l-14 ta' Novembru, 2004 ghall-habta ta' 4.15am gewwa Triq San Gorg, San Giljan;

Talli volontarjament, bi hsieb li joqtlu jew li jqieghedu il-hajja f'periklu car ta' l-Ispettur Stephen J. Gatt, PS 504 S. Ellul, PC 240 Brian Camilleri, PC 643 Jesmond Delicata u PC 658 Anthony Caruana, taw bidu ghall-esekuzzjoni bil-hsieb u b'atti esterni sabiex jikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess ufficjali pubblici sabiex jikkagunawlhom offizi gravi u dan ai terminu tal-Artikolu 41(a), 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' l-Ispettur Stephen J. Gatt, PS 504 S. Ellul, PC 240 Brian Camilleri, PC 643 Jesmond Delicata u PC 658 Anthony Caruana u dan kif iccertifikaw Dr. Christopher Zammit MD ta' l-Isptar San Luqa u Dr. J. Schembri MD tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta, u dan bi ksur tal-Art. 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess lok, data, hin u circostanzi attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe' fuq il-persuna imsemmi fl-ewwel akkuza u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija, u dan ai terminu tal-Art. 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjajw jew heddu jew ghamlu offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxu jew tbezzghu fuqhom kontra il-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' l-istess Ufficjali tal-Pulizija imsemmija u dan ai terminu tal-Art. 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbew ghall-istess Ufficjali Pubblici imsemmija sabiex jingurjaw jew jaghmlu hsara lill-istess Ufficjali Pubblici u dan bi ksur tal-Art 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak il bil-ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai terminu tal-Art. 338 (ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Art. 338 (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi stiednu ghall-glied lill-membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmija hawn fuq u dan ai terminu tal-Art 339 (1a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-Art. 342 tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli ghall-habta ta' 4.00am gewwa Triq San Gorg, Paceville volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg mobbli hew immobbli u cioe' portable radio tal-marka 'Kenwood' ghad-dannu tal-kumpanija G3 liema hsara teccedi il-Lm100 izda ma teccedix Lm500 u dan ai terminu tal-Art 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Triq San Gorg, San Giljan volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg mobbli jew immobli u cioe' partijiet mill-uniformi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmija ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u l-Gvern ta' Malta liema hsara ma teccedix il-Lm50 u dan ai terminu tal-Art. 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbew ghall-istess persuni inkarigati mis-sigurta ta' "Red Square Place' u cioe' ghall-Stephen Ciancio, Anthony Demicoli u Jason Bonnici sabiex jingurjaw jew jaghmlu hsara lill-istess persuni u dan bi ksur tal-Art 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar nakkuzaw wahedhom lill:-

**Fiona Grech** ta' 26, bint Saviour u MaryGrace nee' Aquilina, imwielda Pieta' fid-29 ta' Settembru, 1978, residenti fil-fond numru 32, Sqaq Lajri, Zabbar u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 506078(M);

**Monica Spagnol** ta' 33 sena, bint Saviour Grech u MaryGrace nee' Aquilina, imwielda Zabbar fil-25 ta' Mejju, 1971, residenti fil-fond 'Biancha Nera', Triq Dun Salv Sciberras, Zabbar u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 252371(M);

**Elaine Aquilina** ta' 19-il sena, bint John u Victoria nee' Grech, imwielda Pieta' fis-6 ta' Settembru, 1985, residenti

fil-fond ‘Barca’, Flt 2, Trejqet ix-Xileb, Xaghjra u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 454585(M);

Akkuzati talli fl-14 ta’ Novembru, 2004 ghall-habta ta’ 4.15 am gewwa Triq San Gorg, San Giljan;

Talli volontarjament ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ l-Ispettur Stephen J. Gatt, PS 504 S. Ellul, PC 240 Brian Camilleri, PC 643 Jesmond Delicata u PC 658 Anthony Caruana u dan kif iccertifikaw Dr. Christopher Zammit MD tal-Isptar San Luqa Agius MD u Dr. J. Schembri MD tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta dan bi ksur tal-Art 221 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li titqies vjolenza pubbliku kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u cioe’ fuq il-persuni imsemmi fl-ewwel akkuza u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija ai terminu tal-Art. 92 u 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ingurjaw jew heddew jew ghamlu offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxu jew tbezzghu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni ta’ l-istess ufficjali tal-Pulizija imsemmija u dan ai terminu tal-Art 92 u 95 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Triq San Gorg, Paceville volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg mobbli jew immobli u cioe’ partijiet mill-uniformi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmija ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta u l-Gvern ta’ Malta liema hsara ma teccedix il-Lm50 u dan ai terminu tal-Art. 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbew ghall-istess ufficjali pubblici imsemmija sabiex tingurjaw

jew taghmlu hsara lill-istess ufficjali pubblici dan bi ksur tal-Art 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak il bil-ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita’ kienu ghamlu u dan ai terminu tal-Art. 338 (ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem mhux xieraq li jikkonsisti f’dagha u dan ai terminu tal-Art. 342 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Art. 338 (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Ufficjali Pubblici tal-Korp tal-Pulizija u ta’ l-persuni ohra imsemmija kif jidhrilha xieraq skond l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat il-kunsens tal-avukat generali tas-17 ta’ Novembru, 2004 skond l-artikolu 370 Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-imputati li obbligaw ruhhom jaghmlu tajjeb ghall-hsarat fl-uniformijiet tal-Pulizija;

Fuq ammissjoni l-Qorti qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Wara li rat l-artikoli 41(a), 214 sa 218, 221, 92, 95, 96, 338 (ee) (d), 339 (1) (a) (d) (e), 342, 352 Kap 9

Wara li rat il-fedina penali tal-imputati;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-hsarat subiti minn terzi kienu debitament saldati;

Ikkunsidrat:

Illi dan l-incident sehh f'post fejn eluf ta' nies ta' kull eta' jkunu hemm bi skop ta' divertiment u li mhux accettabbli li nies innocenti u l-membri tal-forza ghaz-zamma tal-ordni ninqabbdu f'cirkostanzi ta' glied bhal dak li ta lok ghall-akkuzi odjerni u li seta kellu konsegwenzi ferm aktar gravi;

Ghalhekk titratta mal-imputati bil-mod segwenti:

Fil-konfront ta' Matthew Busuttil, Jurgen Cumbo, Roger Spagnol u Paul Farrugia, tikkundannhom ghal terminu ta' prigunerija ta' zmien sitt (6) xhur mil-lum mil-liema terminu sebat (7) ijiem huma effettivi u l-kumplament tat-terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputati jew min minnhom jikkommettu rejat iehor punibbbli bi prigunerija sa zmien sena (1) mil-lum skond l-artikolu 29 A tal-Kap 9 oltre li tikkundannhom ghal-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira kull wiehed;

Fil-konfront ta' Monica Spagnol, Elaine Aquilina u Fiona Grech, stante li huma akkuzat b'rejati ta' portata anqas gravi minn dak tal-imputati l-ohra, tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jghamlux rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 kwantu l-ewwel akkuza fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal-hlas ta' multa ta' mitt lira (Lm100) kwantu l-akkuzi l-ohra dedotti kontra taghhom;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza u accertat ruhha illi l-istess obbligi kienu debitament mifhuma;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------